MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 50/2009/1

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettiet u talbet hekk:

Illi r-rikorrenti kienet intavolat proceduri ta’ separazzjoni kontra zewgha li fil-fatt huma l-proceduri odjerni.

Illi ai termini tal-artikolu 66B jigi rilevat:

a. Illi allavolja l-partijiet jghixu taht l-istess saqaf, huma ilhom ma jghixu ta’ mizzewgin ghal mill-inqas erbgha (4) snin.
b. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

c. Illi l-ulied tal-partijiet huma magorenni u l-minuri Matthew B jircievi manteniment mir-ragel skont kif ordnat mill-Qorti.

Illi huwa ghalhekk illi dan kollu mitlub mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa fl-umli fehma tar-rikorrenti sodisfatt.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tordna illi t-talba taghha ghas-separazzjoni maghmula f’ din il-kawza ghandha minflok titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta’ divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-verbal maghmul fl-udjenza tallum li permezz tieghu il-konvenut iddikjara li jaqbel mat-talba ta’ l-attrici rikorrenti;

Semghet lill-partijiet bil-gurament;

Peress li l-kundizzjonijiet stipulati fl-Art. 66B tal-Kap 16 jinsabu sodisfacentement provati, tilqa’ t-talba fit-termini taghha, u tordna d-debita korrezzjoni fir-rikors promotur.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------